MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1774/2001/1

**Angela Demarco**

**v.**

**David Demarco, *Anthony Farrugia Company Limited,* Wallace u Domenica Fino, Chris u Claudette Gauci u *Price Club Operators Limited* (il-konjugi Fino u Gauci u *Price Club Operators Limited* ghal kull interess li jista' jkollhom)**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili li tghid illi garanzija moghtija minn ragel minghajr il-kunsens ta’ martu tiswa izda ma torbotx il-komunjoni ta’ l-akkwisti.

L-attrici appellanti kienet fissret illi zewgha l-konvenut David Demarco, flimkien mal-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci, kien intrabat li jaghmel tajjeb ghad-dejn li s-socjeta` konvenuta *Price Club Operators Limited* ikollha lejn is-socjeta` konvenuta l-ohra *Anthony Farrugia Company Limited*. Bejn l-attrici u zewgha hemm il-komunjoni ta’ l-akkwisti.

L-attrici appellanti tghid illi dak li ghamel zewgha l-konvenut David Demarco kien li ta garanzija ghal dak li jghid u jrid l-art. 1322(3)(*h*) tal-Kodici Civili u ghalhekk att ta’ amministrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens ta’ l-attrici martu wkoll. Billi dak il-kunsens ma nghatax, l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja hu annullabbli fuq talba ta’ l-attrici, li saret taf bl-obbligazzjoni meta waslet ittra bonarja tal-21 t’Awissu 2001 indirizzata lill-konvenut David Demarco fid-dar taghhom.

L-attrici ghalhekk talbet illi l-qorti thassar il-garanzija moghtija mill-konvenut David Demarco biex jaghmel tajjeb ghad-djun li s-socjeta` konvenuta *Price Club Operators Limited* ghandha lejn is-socjeta` konvenuta l-ohra *Anthony Farrugia Company Limited*.

Talbet ukoll l-ispejjez.

Is-socjeta` konvenuta *Anthony Farrugia Company Limited* ressqet l-eccezzjoni illi t-talba ta’ l-attrici, kif maghmula, ma tistax tintlaqa’ ghax talba biex thassar il-garanzija jista’ jaghmilha biss zewgha l-konvenut David Demarco, illi iffirma l-obbligazzjoni; l-attrici setghet biss tfittex li thares l-interessi taghha billi titlob illi l-garanzija tithassar fejn tolqot il-komunjoni ta’ l-akkwisti, izda dan ma ghamlitux.

Il-konvenut David Demarco b’nota tat-22 ta’ Frar 2002 qal illi l-interess tieghu fil-kawza huwa l-istess bhal dak ta’

martu l-attrici. Il-konvenuti l-ohrajn ma ressqux eccezzjonijiet.

B’sentenza moghtija fid-9 t’Ottubru 2003 il-Prim`Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta’ l-attrici wara li qalet illi:

… … … it-talba attrici, in kwantu mirata ghal-annullament tal-garanzija iffirmata minn zewgha, ma tistax tigi milqugha, b’dan illi din il-qorti qed tiddikjara, ghal kull buon fini, li kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-iskrittura ta’ Settembru 1999 hija parafernali ghall-firmatarju David Demarco u mhux ta’ piz fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn David Demarco u martu l-attrici, salv il-provvediment ta’ l-artikolu 1329 tal-Kodici Civili.

L-attrici appellat minn din is-sentenza b’rikors tad-29 t’Ottubru 2003. L-aggravji ta’ l-attrici appellanti huma mfissra hekk fir-rikors ta’ l-appell:

1. “l-annullabilita` ma tistax tigi sollevata *per via di eccezione* izda trid tigi determinata b’istanza separata”;
2. il-fehma ta’ l-ewwel qorti, fejn tghid illi n-nuqqas tal-kunsens tal-parti l-ohra fiz-zwieg iwassal ghall-annullament ta’ l-att safejn jolqot il-komunjoni ta’ l-akkwisti izda mhux ghall-annullament ta’ l-att innifsu, hija hazina ghax, ladarba l-ligi tghid illi l-garanzija hija annullabbli, mela ma tistax tigi salvata ghaliex hija fiha nfisha inezistenti; u
3. is-sentenza tmur *ultra petita* ghax it-talba ta’ l-attrici appellanti “kienet limitata ghal dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-garanzija ilmentata, u mhux ukoll sabiex jigi dikjarat illi l-garanzija mhix ta’ piz fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn David Demarco u martu l-attrici”, kif effettivament iddecidiet il-qorti.

Is-socjeta` konvenuta appellata *Anthony Farrugia Company Limited* wiegbet ghar-rikors ta’ l-appell fl-24 ta’ Novembru 2003 u talbet li l-appell jigi michud, bl-ispejjez kontra l-attrici appellanti.

Ftit hemm xi tghid dwar l-aggravji ta’ l-attrici appellanti, li huma manifestament infondati.

L-ewwel aggravju huwa ghal kollox irrelevanti. L-ewwel qorti ma annullatx il-garanzija fuq talba tal-konvenuta maghmula b'eccezzjoni; kull ma ghamlet hu li fissret safejn tasal il-garanzija u liema beni tolqot. Barra minn hekk – ghalkemm dan qieghed jinghad *obiter* ghax ma ghandu ebda relevanza ghall-kaz – huwa hazin li tghid illi n-nullita` ma tistax titqajjem b'eccezzjoni, kif jidher car mill-art. 1226 tal-Kodici Civili.

L-istess jinghad ghat-tielet aggravju. Il-qorti ma iddecidietx aktar milli kien mitlub izda biss fissret kif ghandha tiftiehem ic-cahda tat-talba ta' l-attrici. Fissret illi, ghalkemm it-talba, kif maghmula, ma setghetx tintlaqa', madankollu l-garanzija, ghalkemm tiswa, ma tolqotx il-beni tal-komunjoni.

It-tieni aggravju huwa vessatorju ghall-ahhar ghax l-attrici appellanti ma ghandha ebda interess f'dak li talbet. Ladarba s-sentenza tfisser car illi l-garanzija ma tista' tolqot ebda beni ta' l-attrici appellanti, la l-beni parafernali taghha u lanqas dawk tal-komunjoni, mela ma ghandha ebda interess tfittex it-thassir tal-garanzija fejn din tolqot il-beni ta' terzi. L-interess huwa l-kejl tad-dritt ta' azzjoni, u l-interess ta' l-attrici appellanti huwa fil-beni parafernali taghha u fil-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Hekk kif jigi dikjarat ili dawk il-beni ma jintlaqtux bil-garanzija, l-interessi ta' l-attrici appellanti jkunu mharsa, u ma hux mehtieg ukoll – u ma ghandhiex interess titlob – illi l-att jithassar *in toto*.

Barra minn hekk, jidher car illi l-aggravju huwa mibni fuq konfuzjoni bejn il-kuncett ta' *non opponibilita*` u dak ta' inezistenza assoluta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti tichad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu regolati skond is-sentenza appellata; l-ispejjez ta' l-appell ghandha thallashom l-attrici appellanti. Billi wkoll hija tal-fehma ta' din il-Qorti illi l-appell huwa fieragh u vessatorju fit-termini

tal-Art. 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti li thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------